**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 659/2019 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Christina Delia)**
**vs**
**Darryl Luke Borg**

**Illum 8 ta' Lulju, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Darryl Luke Borg, detentur tal-karta tal-identita' nru 261086M.

Akkuzat:

Talli nhar is-26 t'Ottubru, 2019 u/jew fil-gimghat ta' qabel gewwa triq il-Bwieraq, Birkirkara u/jew f'diversi lokalitajiet ohra f'Malta:-

1. Ta fastidju lil ommu Joan k/a Jane Borg b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuni;

2. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil ommu Joan k/a Jane Borg biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Ghamel lil ommu Joan k/a Jane Borg ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-povokazzjoni.

4. Minghajr skuza ragonevoli kiser xi projbizzjoni j/jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taht dan l-artikolu u cioe' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. bil-kundizzjonijiet li tipprojbixxi lil Darryl Luke Borg milli javvicina, jikkuntatja jew jimmolesta lil ommu Joan k/a Jane Borg;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. S. Grech LL.D., datata 20 ta' Settembru, 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-akkuzat bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Joan k/a Jane Borg billi jigu applikati l-provedimenti tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 31 t'Ottubru, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', kunsens tal-Avukat Generali mmarkat bhala Dok ET1;stqarrija mmarkata bhala Dok ET2; dikjarazzjoni ta' rifjut ghal jedd tal-parir legali mmarkat bhala Dok ET3; vera kopja ta' ordni ta' Protezzjoni mmarkata bhala Dok ET4; estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok ET5; fedina penali mmarkata bhala Dok ET6; okkorrenza mmarkata bhala Dok ET7; kopja ta' sentenza datata 20 ta' Settembru, 2018 immarkata bhala Dok CD1; okkorrenza mmarkata bhala Dok DB1; okkorrenza mmarkata bhala Dok LV1; okkorrenza mmarkata bhala Dok LV2; okkorrenza mmarkata bhala Dok WP1; okkorrenza mmarkata bhala Dok WP2; okkorrenza mmarkata bhala Dok WP3; okkorrenza mmarkata bhala Dok WP4; okkorrenza mmarkata bhala Dok SB1; okkorrenza mmarkata bhala Dok AB1; okkorrenza mmarkata bhala Dok IC1; okkorrenza mmarkata bhala Dok KS1; vera kopja ta' Ordni ta' Protezzjoni mmarkata bhala Dok BM1; okkorrenza mmarkata bhala Dok KG1; okkorrenza mmarkata bhala Dok KG2; okkorrenza mmarkata bhala Dok KG3; okkorrenza mmarkata bhala Dok KG4; okkorrenza mmarkata bhala Dok KG5;

Semghet il-provi tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Spettur Christina Delia, Giovanna Borg, Rachel Borg, Sarah Bezzina, WPC 139 Donnalise Buttigieg, WPS 301 Lauranne Vella, PC 236 Warren Pirotta, PC 852 Samuel Borg, PS 950 Alan Buhagiar, PC 55 Iman Cutajar; PS 902 Karol Spiteri, Benjamina Mifsud, PS 3 Kevin Grima.

**Spettur Christina Delia** tghid li fis-26 ta' Ottubru, 2019 marret Giovanna Borg tirraporta l-Ghassa ta' Birkirkara li t-tifel taghha Darryl Luke Borg kien mar il-hanut taghha li jinsab Triq il-Wied Birkirkara u talabha l-flus. Giovanna Borg kecciet in-nies li kellha fil-hanut u ghalqet l-istess hanut. Hi u bintha hargu mill-hanut u bdew mexjin lejn l-Ghassa ta'

Birkirkara sabiex jaghmlu rapport. Darryl Luke Borg baqa' jigri warajha sabiex ittih il-flus. Meta dahlet fil-vettura taghha, Darryl Luke Borg beda jiftah il-bieba kull darba li hi tghalaqlu l-bieba. Darryl qalilha li kien hemm xi nies Gharab qed jigru warajh u ghalhekk kellu bzonn il-flus. Giovanna Borg tkelmet mill-Ispettur Christina Delia fil-prezenza tal-Ispettur Elton Taliana u stqarret li Darryl Luke Borg ghandu problema ta' droga. Stqarret li hemm Ordni ta' Protezzjoni mahruga mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit li ghadha in vigore. L-Ispettur Delia nfurmat lil Giovanna Borg biex jekk Darryl Luke Borg jerga' jmur id-dar ghandha, hija ccempel lill-pulizija. Fil-fatt fit-30 ta' Ottubru, 2019 Darryl Luke Borg gie arrestat u mitkellem mill-Ispettur Christina Delia. Hija tatu d-drittijiet kollha tieghu u gie mressaq quddiem il-Magistrat Dr. Joe Mifsud.

**Giovanna Borg**, tikkonferma li Darryl Luke Borg huwa t-tifel taghha. Meta mistoqsija jekk rieditx tixhed fil-konfront ta' binha, hija wiegbet fl-affermattiv. Hija kkonfermat li ghamlet rapport fil-konfront ta' Darryl Luke Borg ghaliex gie l-hanut taghha fejn kien hemm anke t-tifla taghha u beda jitlobha l-flus ghaliex kien hemm xi nies Gharbin qed jigru warajh. Hija bdiet tghidlu biex jitlaq il'barra. Kien hemm xi nies fil-hanut li kif raw il-kommossjoni, telqu l'barra u ghalhekk Giovanna Borg ghalqet il-hanut u flimkien mat-tifla marru lejn il-karozza biex imorru jaghmlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Darryl Luke Borg baqa' jigri warajhom. Oht Darryl Luke Borg qaltlu li kellha tletin ewro u dan tal-ahhar baqa' jinsisti maghha biex ittihomlu. Kif ra li ma kienx qed jirnexxielu jiehu l-flus, mar fejn il-bieba ta' ommu biex jiehdilha l-mobile minn idha. Kien hemm diversi incidenti ohra ma Darryl Luke Borg. Hija tikkonferma li Darryl Luke Borg ghandu probelma ta' droga u kull darba li mar jaghmel programm, dejjem hareg clean, izda ftit taz-zmien wara li johrog, jerga' jaqa ghal vizzju. Hu kien jghix maghha u ghalhekk meta jkun fi stadju ta' withdrawal, ikun impulsiv hafna u ma tkunx tista' tikkontrollah. Sahansitra, ikollha ttih il-flus tant kemm jghejjiha. Tispjega li Darryl Luke Borg igib ruhu b'impulsivita' kull meta jkollu l-withdrawals. Apparti l-problema tad-droga, Darryl Luke Borg ibati mill-ADHD.

**Giovanna Borg** regghet xehdet fit-13 ta' Frar, 2020 qalet li tixtieq tahfer lil binha dment li jaghmel programm residenzjali. Hija tghid li kien hemm problemi socjali stante li kellu episodji koroh meta kien ghadu tifel, u ghadda minn trawma meta miet missieru.

**Rachel Borg,** hija oht Darryl Luke Borg u ghazlet li ma tixhidx fil-konfront ta' huha.

**Sarah Bezzina,** qeghda ssegwei lil Darryl Luke Borg fuq zewg Treatment Orders. Meta Darryl ikun miexi fit-triq it-tajba, jikkopera hafna ma Sarah Bezzina, izda wara dan il-perjodu tajjeb, jaghmel zmien li lanqas biss jikkomunika ma Sarah Bezzina. Omm Darryl Luke Borg tghamel kuntatt mal-Probation Officer izda Darryl Luke, donnu jisparixxi. Darryl gie suggerit li jghamel programm residenzjali izda ma jixtieqx jaghmlu dan il-programm. Peress li Darryl Luke Borg hassu komdu mal-psikologu Mr. Piscopo, il-Qorti ordnat li jigi segwit minn da nil-psikologu, izda l-psikologu ma setax isegwi lil Darryl Luke Borg jekk ma jidholx programm residenzjali.

**Sarah Bezzina** regghet xehdet fit-12 ta' Marzu, 2020 fejn ipprezentat social inquiry report.

**WPC 139 Donnalise Buttigieg**, tghid li fl-24 ta' Lulju, omm Darryl Luke Borg, Giovanna Borg marret tghamel rapport l-Ghassa ta' Birkirkara minhabba li sabet lil Darryl Luke

Borg barra l-bieb tad-dar taghha u talabha biex jorqod hemm. Giovanna Borg bdiet tirrifjuta milli ddahhlu.

**WPS 310 Lorranne Vella**, nfurmat lill-Ispettur Christine Delia dwar rapporti li kien hemm kontra Darryl Luke Borg. L-Ispettura tatha struzzjonijiet sabiex tohrog lil Darryl Luke Borg mid-dar u fil-fatt hareg bla problemi. Dan ir-rapport kien sehh fis-17 ta' Novembru, 2018. Kien hem rapport iehor fil-11 ta' Gunju fejn kien inqala' argument id-dar u sahansitra anke telghu l-RIU izda meta marret WPS 310 Lorranne Vella, sabet lil Darryl Luke Borg kwiet. Omm Darryl Luke Borg bdiet tallega li t-tifel taghha kien ghamlilha hsara mal-bieb u li ghandu jinqafel gewwa. Mal-bieb ma kien hemm l-ebda hsarat. WPS 310 Lorranne Vella hadet lil Darryl Luke Borg il-klinik minhabba li ommu bdiet tallega li ma kienx sew minn mohhu. It-tabiba li ratu ccertifikatu li kien jaf x'inhu jigri madwaru u kien qed jikkopera bis-shih. Darryl Luke Borg gie ordnat sabiex ma jersaqx lejn id-dar u minn dan l-incident, il-pulizija qatt ma kellhom iktar problemi mieghu. L-incident skont Darryl Luke Borg inqala' ghaliex huwa talab ic-cwievet tal-garaxx sabiex ikun jista' jbiegh il-karozza u ommu ma rieditx tiftahlu l-garaxx. WPS 310 Lorranne Vella tiftakar f'incident fejn Darryl Luke Borg kellu convenience order fejn jekk jitla' Mount Carmel minn jeddu, ikun jista' jiffirma u jitlaq. Hu accetta u tela bl-ambulanza.

**PC 236 Warren Pirotta**, stazzjonat l-Ghassa ta' Birkirkara kien involut f'4 rapporti li l-maggor parti kienu fuq fastidju. Bejn is-7 ta' Mejju u l-14 ta' Mejju, 2018, Giovanna Borg marret tirraporta li t-tifel taghha meta jtiha fastidju u jiffittaha sabiex ittih il-flus. Kien qed iqajjimha bil-lejl u jinsisti li ttih il-flus. Bejn il-25 ta' Lulju u l-10 ta' Awwissu, 2018, rega' sar rapport dwar l-istess affarijiet. Kien hem rapport iehor f'Dicembru, 2018 fejn Darryl Luke Borg qajjem lill-ommu bil-lejl sabiex tmur tigbed il-flus mill-ATM ta' Fleur-de-Lys. Dakinhar hadilha l-karozza wkoll. Rapport iehor kien meta Giovanna Borg irrifjutat li ddahhal lil Darryl Luke Borg izda dan xorta rnexxielu jidhol. Darryl Luke Borg kien jiehu l-imhadda ta' ommu, jixghelilha u jitfilha d-dawl u sabiex ihalliha bi kwieta, kienet iccedi u ttih ic-cwievet jew flus.

**PC 852 Samuel Borg**, jghid li fis-26 ta' Ottubru, 2019 gew jirraportaw Giovanna Borg flimkien mat-tifla taghha Rachel Borg, li Darryl Luke Borg mar il-hanut taghhom u talabhom il-flus. Beda jghidilhom li kellu l-karozza bla petrol u ried il-flus gha petrol, izda wara ftit biddel il-verzjoni u beda jghidilhom li kien hemm xi nies Gharab qed jigru warajh. Giovanna Borg ssuspettat li l-flus li beda jitlobha kienu ghad-droga. Hija ghalqet il-hanut u bdiet miexja lejn il-karozza taghha biex tmur tirraporta l-Ghassa. Darryl Luke Borg beda jimxi warajha u hi ssakkret fil-karozza. Ghalhekk, Darryl umbghad dar ghal ohtu. B'xi mod irnexxielhom jaharbuh u jmorru l-Ghassa jaghmlu rapport.

**PS 950 Alan Buhagiar**, stazzjonat l-Ghassa ta' Birkirkara jghid li fl-10 ta' Lulju, 2019, Giovanna Borg marret tirraporta li binha Darryl Luke Borg kien fi stat agitat. Fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Christina Delia, PS 950 flimkien mal-kollegi tieghu marru fuq il-post fejn wara li gie mitkellem, Darryl talab l-assistenza ta' tabib. Ittiehed il-policlinic ta' B'Kara u gie ezaminat minn Dr. Thea Chetcuti fejn volontarjament, Darryl Luke Borg mar Mount Carmel.

**PC 55 Iman Cutajar**, jghid li fil-21 ta' Novembru, 2018, Giovanna Borg marret tirraporta illi kellha Protection Order fil-konfront ta' Darryl Luke Borg u li fil-gurnata ta' qabel, cioe' 20 ta' Novembru, 2018 waqt li hi kienet qed tirkeb il-karozza taghha, Darryl Luke Borg

qabad u dahal fil-karozza taghha u talabha l-flus. Hi marret fejn ATM ta' Fleur-de-Lys u gibdet ghoxrin ewro u tathielu. Huwa nizel mill-karozza u mar fid-direzzjoni tal-venda.

**PS 902 Karol Spiteri**, jghid li fl-10 ta' Lulju, 2018, huwa rcieva telefonata minghand Rachel Borg li tigi oht Darryl Luke Borg u nfurmat lill-pulizija li kien hem Darryl Luke Borg wara d-dar taghha jitlobha l-flus. Meta l-pulizija marru fuq il-post, sabu lil Darryl Luke Borg flimkien ma ommu u ohtu barra d-dar. Meta giet mitkelma Rachel Borg, hija qalet li huha beda jitlobhom il-flus u li iktar kmieni matul l-istess gurnata, kien mar il-hanut ta' ommha u talabha l-flus ukoll. PS 902 ta struzzjonijiet lil Darryl Luke Borg sabiex ma jkomplix idejjaq lil genituri tieghu.

**Benjamina Mifsud**, hija Deputat Registratur tal-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit u pprezentat vera kopja tal-Ordni ta' Protezzjoni mahruga mill-istess Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit.

**PS 3 Kevin Grima**, pprezenta 5 rapporti maghmula minn Giovanna Borg fil-konfront tat-tifel taghha Darryl Luke Borg, mis-sena 2018 sas-sena 2019.

**Ikkunsidrat:**

<u>L-ewwel u t-tieni imputazzjoni:</u>

Illi ghal dak li jirrigwarda r-reati kontemplati ai termini ta' l-Artikolu 251A u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jigu ippruvati dawn iz-zewg imputazzjonijiet jehtieg illi jigi ippruvat dak li jissejjah *"a course of conduct".* Ili Qorti hawnhekk se tikkwota **Il-Pulizija vs Carmelo Vella**[1],

*"Il-fastidju prospettat f'dan l-artikolu huwa differenti minn dak li jidher fil-kontravenzjoni 339(1)(n) dwar il-fastidju lix-xjuħ. (Ara 'Appell Kriminali: Il-Pulizija kontra Joseph Bartolo – 1955).*

*Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:*

*'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to a hrassing a person include alarming the eprson or causing the person distress.*

*In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment.*

*But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.*

[1] Deciza fl-14 ta' Mejju 2012 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per Imhallef Onor. Lawrence Quintano, Appell numru 115/2011

*Two incidents can constitute a ' course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC*

*In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased round the house, swearing and repeatedly questioning her were close to the line, but*
*the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to sue or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*

*The test under section 1(2) is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender.'"*

Din l-istess sentenza tkompli tghid:

*"Il-fatti tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti huma limitati iż-żmien għal jum wieħed għax hekk hija redatta ċċitazzjoni. Issa l-course of conduct jista' jkun f'ġurnata waħda u mhux bilfors irid ikun mifrux fuq tal ta' żmien. Anzi, jekk l-azzjonijiet ikunu qrib xulxin, aktar jista' wieħed jinstab ħati taħt dan l-artikolu tal-liġi."*

Illi issir riferenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef[2]:**

*"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-harassement taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:*

*... illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions..." . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – ilkliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:*

*"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct...It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a*

[2] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [17.02.2011].

*year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."*

Illi dawn l-imputazzjonijiet huma datati "fis-26 ta' Ottubru 2019 u/jew fil-gimghat ta' qabel", ghalhekk kwalunkwe prova dwar dan il-*course of conduct* kellu jigi ippruvat li sehh fil-gimghat ta' qabel. Jirrizulta mill-process li gew prezentati diversi rapporti li ghamlet il-parte leza Giovanna Borg fil-konfront ta' binha l-imputat, allegatament kollha ta' fastidju. Dawn ir-rapporti huma datati fil-granet segwenti; fid-19 ta' Jannar 2018, fl-14 ta' Mejju 2018, fil-11 ta' Gunju 2018, fis-16 ta' Gunju 2018, fl-10 ta' Lulju 2018, fl-24 ta' Lulju 2018, fl-10 t'Awissu 2018, fit-12 t'Awissu 2018, fis-17 ta' Novembru 2018, fil-21 ta' Novembru 2018, fl-4 ta' Dicembru 2018, fil-5 ta' Dicembru 2018, u l-aktar wiehed ricenti fl-10 ta' Lulju 2019.

Illi r-rapport ta' l-10 ta' Lulju 2019, ghalkemm intavolat minn Giovanna Borg il-parte leza ma huwiex rapport li jindika li l-imputat binha kien qed jaghmel xi forma ta' fastidju fil-konfront ta' ommu. Skond ir-rapport l-imputat kien fi stat agitat u kif marru l-pulizija jkellmuh jidher li huwa stess iddecieda wara li gie mitkellem mill-Pulizija biex jigi invistat minn tabib u fil-fatt hekk sar u ttiehed id-DDU.

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax illi dawn ir-rapporti kollha minbarra dak imsemmi fl-ahhar paragrafu kollha jirrisalu ghas-sena 2018 u cioe' mhux gimghat qabel id-data tas-26 t'Ottubru 2019 izda xhur. Il-Qorti tghid ukoll li anke r-rapport ta' l-10 ta' Lulju 2019 ghalkemm ga stabbilit li mhux rapport li jinkwadra fastidju wkoll jirrisali ghal xhur qabel is-26 t'Otturbu 2019 u mhux ghal gimghat.

Wiehed irid jaghti importanza ghal dak illi tghid id-data ta' l-imputazzjoni, l-imputazzjoni ssemi "fis-16 ta' Ottubru 2019 u/jew fil-gimghat ta' qabel" – il-Qorti f'din is-sentenza sejra taghti interpretazzjoni ghal dawn il-perjodi ta' zmien li hafna drabi jigu indikati fic-citazzjoni min-naha tal-prosekuzzjoni, u ma hemmx indikazzjoni cara ta' meta ghandha tingibed linja, voldieri meta jieqaf iz-zmien imsemmi fl-imputazzjoni. Meta imputazzjoni tghidlek f'data partikolari u l-granet ta' qabel, il-Qorti ghandha tmur lura ghal sebat ijiem minn dik id-data, ghaliex wara sebat ijiem tibda gimgha ohra, bl-istess mod meta imputazzjoni tkun datata f'data partikolari u l-gimghat ta' qabel il-linja li ghandha tingibed ghandha tkun dik ta' hames gimghat ghaliex xahar fih daqs erba' gimghat u ftit u mal-qabza ta' hames gimghat ikun beda xahar iehor, u bl-istess metodu ghandha tingibed linja meta imputazzjoni tghid f'data partijolari u x-xhur ta' qabel, din ghandha tkun sa tnax-il xahar qabel ghaliex wara tnax-il xahar tibda sena ohra.

Fil-fatt hawnhekk il-Qorti sejra tikkwota s-sentenza, *Il-Pulizija vs Sami Ibrahim Niggar sive Sammy*[3] meta l-Qorti qalet is-segwenti,

[3] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras fis-27 t'April 2015.

*Bil-frazi 'granet ta' qabel', il-Qorti tifhem proprju dan u cioe` granet u mhux gimghat jew xhur u allura fil-fehma tal-Qorti, isegwi illi din il-frazi ghandha tigi interpretata bhala li hija ristretta ghall-gimgha ta' qabel id-data in kwistjoni.*

Il-Qorti ghalhekk tqis li l-ewwel u t-tieni imputazzjoni ma humiex sostenibbli in kwantu ma jirrizulta l-ebda *course of conduct* li wassal ghar-reati kontestati that l-Artikoli 251A u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-26 t'Ottubru 2019 u fil-gimghat ta' qabel. Ghalhekk l-imputat ser jigi liberat minnhom

<u>It-tielet imputazzjoni</u>

Illi din l-imputazzjoni hija kontravvenzjoni ai termini ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din l-imputazzjoni mix-xhieda ta' omm l-imputat u cioe' l-parti leza, liema xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta, tirrizulta b'mod ampju. Giovanna Borg, tispjega kif huwa beda jdejjaqha biex ittih xi flus, u meta ra li hija ma kenitx se ccedi baqa' jghajjat u jipprova jiehu l-mobile minghandha.

<u>Ir-raba' imputazzjoni</u>

Illi l-provi ghal dak li jirrigwarda din l-imputazzjoni si tratta ta' vera kopja konfermata bil-gurament ta' l-Ordni ta' protezzjoni mahruga mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit ai termini ta' l-artikolu 412C tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta datata 15 ta' Jannar 2019. L-istess ordni giet ikkonfermata li ghadha fis-sehh permezz tax-xhieda ta' l-Ispettur Christina Delia.

L-ordni ta' protezzjoni in kwistjoni hija cara u tghid is-segwenti:

1. L-imputat huwa ipprojbit milli jimmolesta jew jaghti fastidju lil ommu Giovanna Borg;
2. Huwa ipprojbit ukoll ghal perjodu ta' mhux izjed minn sitt (6) xhur jew sas-sentenza finali sakemm ikun qed jirrisjedi ma' ommu Giovanna Borg huwa jgib ruhhu tajjeb u b'kull rispett lejn ommu.

Illi l-imputat fis-26 ta' Ottubru 2019 qatt ma kellu jittenta jaghti jimmolesta l-ommu billi joqghod jigri warajha u johloq xena ghaliex huwa ried il-flus, u dan huwa specifikat u projbit mill-istess ordni ta' protezzjoni fil-konfront tieghu hawn indikata u ghalhekk ta' dan huwa jrid jaffaccja s-sanzjoni tal-ligi, tant anke ghaliex huwa ma jghidx ghal-liema raguni huwa kiser din il-projbizzjoni, ma jaghti l-ebda raguni plawsibbli li tista' tiggustifika l-ksur ta' tali ordni.

<u>Il-Hames Imputazzjoni</u>

Il-Qorti hawnhekk giet mitluba sabiex titratta ma' l-imputat bhala wiehed li ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. S. Grech nhar l-20 ta' Settembru 2018. Kopja legali ta' din is-sentenza giet ezebita a fol 28 tal-process. Stante li din il-Qorti qed issib htija ghar-raba' imputazzjoni, m'ghandiex triq ohra ghajr li tattiva din is-sentenza imsemmija ta' prigunerija fil-forma sospiza taghha.

Konsiderazzjonijiet dwar il-piena

Illi primarjament il-Qorti tat titwila lejn il-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda ikkulurita, u tinnota li l-imputat inghata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhhu u jerga' jibda hajja gdida, izda, minkejja dawn ic-cansijiet huwa xorta kompla ghaddas rasu u baqa' ghaddej fil-hajja zbaljata tieghu. Ghalhekk certament piena karcerarja effettiva tkun wahda idoneja fic-cirkostanzi, madanakollu l-Qorti ma tistax ma taghtix importanza l-konkluzjonijiet tas-*social inquiry report*[4] li jghid is-segwenti,

*"Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport gew identifikati numru ta' problemi principali li ghandu l-imputat. Wahda mill-problemi hija li Darryl qatt ma indirizza t-telfa ta' missieru u l-problema tal-abbuz tad-droga. Ghaldaqstant ikun ta' beneficcju li l-imputat jaghmel program residenzjali kontra l-problema tal-abbuz tad-droga, sabiex ikun jista' jghix hajja stabbli u 'l boghod mill-kriminalita'."*

Il-Qorti ghalhekk thoss li l-imputat ghandu jitqieghed taht ordni ta' trattament sabiex jinghata l-ghajnuna kollha biex jeghleb il-vizzju tad-droga li hija c-cirkostanza principali jekk mhux ewlenija ghalfejn huwa qieghed jaqa' f'hajja ta' kriminalita'.

Decide:

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikolu 251A, 251B, 339(1)(e), 412C, 49, 50 u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel u tieni imputazzjoni stante li ma jirrizultawx u ghaldaqstant tilliberah minnhom, ssibu hati tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni, tikkundannah kwantu ghall-piena li trrigwarda t-tielet u r-raba imputazzjoni ghal **erba' (4) xhur prigunerija effettiva**, u kwantu ghall-piena li tirrigwarda l-hames (5) imputazzjoni wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li ssib li l-hati Darryl Luke Borg wettaq reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ai terimini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghzel li titratta mieghu ghar-rigward tas-sentenza sospiza u tordna li s-sentenza ta' **hames (5) xhur prigunerija** sospizi ghal sentejn ghandha tibda ssehh b'effett immedjat.

Ghalhekk il-Qorti b'din is-sentenza tikkundanna lil Darryl Luke Borg ghal perjodu ta' **prigunerija effettiva u komplessiva ta' disa' (9) xhur**, li minn dan il-perjodu ghadhom jitnaqqsu l-perjodu ta' zmien li hati ghamel bhala arrest preventiv.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat li l-hati jabbuza mid-droga anke minn dak li gie redatt fis-*social iquiry report* ezebit, il-Qorti qeghda tpoggi lill-hati taht **Ordni ta' Trattament ghal perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar** mil-lum ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex jigi mghejjun jeghleb kompletament il-vizzju tad-droga, liema ordni hija soggetta ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jiffirma parti integrali minnha.

Il-Qorti fissret lil Darryl Luke Borg, fi kliem car u li jinftiehem, l-iskop tas-sanzjoni fuqu imposta b'din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hu ma joqghodx ghall-tali sanzjoni kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu inkwantu ghall-Ordni ta' Trattament.

---

[4] Dok SB1 fil-process

Inoltre u bl-applikazzjoni ta' l-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Joan sive Giovanna sive Jane Borg, qed tpoggi lill-hati taht **ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) snin** mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta' din l-ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur Probation and Parole.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**